MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH D. CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH A. FILLETTI**

Seduta tas-26 ta' Mejju, 2006

Appell Civili Numru. 319/2001/1

**John Fiteni**

**v.**

**Kontrollur tad-Dwana**

**Il-Qorti:**

**<u>PRELIMINARI</u>**

**<u>ID-DECIZJONI MERTU TA' DAN L-APPELL</u>**

1. Din hija decizjoni minn appell interpost mill-Kontrollur tad-Dwana minn sentenza moghtija fis-26 ta’ Frar 2003 mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fil-kawza fl-ismijiet premessi li fiha gie ritenut kif gej:

“**Il-Qorti.**

**Preliminari**

Rat **l-att tac-citazzjoni** li permezz taghha l-attur ippremetta illi l-konvenut qieghed jirrifjuta li jaghti lura s-somma ta’ hamest elef dollaru Amerikan (US$5,000) li l-attur kien sab abbord ta’ ajruplan;

Premess illi ghalkemm il-konvenut gie interpellat diversi drabi biex jaghti din is-somma anke permezz ta’ ittra ufficjali tal-11 ta’ Settembru, 2000 u dan baqa’ inadempjenti;

Ghaldaqstant l-attur talab lil din il-Qorti, prevja kull dikjarazzjoni necessarja u opportuna:

(1.) Tiddeciedi u tiddikjara li l-konvenut huwa debitur ta’ l-attur John Fiteni ghal ammont ta’ hamest elef dollaru Amerikan (US$5,000) jew l-ekwivalenti taghha f’liri Maltin;

(2.) Tikkundanna l-konvenut ihallas lill-attur l-ammont hekk likwidat, bl-imghaxijiet bir-rata ta’ tmienja fil-mija (8%) dekorribbli mid-data tad-dovut pagament sad-data ta’ l-effettiv pagament.

Bl-ispejjez inkluzi dak ta’ l-ittra legali tal-20 ta’ Lulju, 2000 u tat-2 ta’ Awissu, 2000, u ta’ l-ittra ufficjali tal-11 ta’ Settembru, 2000.

Rat id-dikjarazzjoni ta’ l-attur a fol. 3 tal-process;

Rat **in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenut** a fol. 7 tal-process fejn eccepixxa:

(1.) Illi t-talbiet kif dedotti huma infondati fil-fatt u fid-dritt stante li s-somma misjuba mill-attur kienet tikkonsisti fi flus barranin u nstabet fuq ajruplan registrat

Malta. Ghalhekk tapplika f'dan il-kaz il-ligi specjali tal-Kontroll fuq il-Kambju Kap 233 u mhux il-Kodici Civili, skond liema ligi, l-attur m'ghandu l-ebda dritt ghall-flus minnu misjuba.

(2.) Illi l-attur, stante li mhux persuna awtorizzata ai termini tal-Kap 233, ma jistax izomm flus barranin ghandu ghaliex inkella jkun qed jikkommetti reat kriminali ai termini tal-Kap 233, u b'mod partikolari l-Artikolu 5.

(3.) Illi llum din is-somma ta' flus barranin m'ghadhiex fil-pussess ta' l-esponent, ghaliex ghaddiet ghand il-Bank Centrali ai termini ta' l-istess Kap 233.

(4.) Illi fir-rigward ta' l-ispejjez, l-unici spejjez li jistghu jintalbu huma dawk legali u mhux spejjez ta' konsult, u ghalhekk l-ispejjez ta' l-ittra li m'humiex atti tal-Qorti ma jistghux jintalbu.

(5.) Illi ghalhekk it-talbiet ta' l-attur ghandhom ikunu michuda bl-ispejjez kontrieh.

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti ezibiti;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat in-nota tal-konvenut;

Rat li ma saritx talba ghas-sospensjoni tal-prolazzjoni tas-sentenza;

**KONSIDERAZZJONIJIET**

Il-partiiet jaqblu dwar il-fatti li taw lok ghal dina l-kawza. L-attur, li jahdem bhala *loader* ma' l-Air Malta, sab 5,000 dollaru fuq ajruplan li kien ghadu kif wasal Malta minn Tripli. Hu mar ghand il-pulizija bihom u dawn baghtuh ghand tad-Dwana fl-ajruport stess, u nghata ricevuta ghalihom minghandhom. L-attur wara certu zmien talab dawn il-flus minghand tad-Dwana izda dawn qalulu li ma kienx intitolat ghalihom billi dawn kienu flus barranin u hu ma kellux permess ghalihom.

L-attur qed jargumenta a bazi tal-ligi civili li ladarba ma mar hadd ghal dawn il-flus dawn kienu jappartjenu lilu. L-attur ma semmiex a bazi ta' liema artikolu tal-ligi qed jippretendi dan id-dritt izda jidher li hu qed jirreferi ghall-artikolu 564 tal-Kap 16. Dan ighid hekk:

**564.** (1) Min isib haga mobbli li ma tkunx tezor, ghandu jroddha lill-pussessur taghha ta' qabel, jekk ikun maghruf: inkella minghajr dewmien ghandu jaghtiha f'idejn il-Pulizija.
(2) Il-Kummissarju tal-Pulizija ghandu jippubblika b'avviz fil-Gazzetta lista tal-hwejjeg mobbli msemmija fis-subartikolu (1), u ghandu jerga' jippubblika dik il-lista, barra mill-hwejjeg li jkunu gew mitluba minn sidhom, wara tliet xhur mill-imsemmi avviz.
(3) Wara tliet xhur minn dak in-nhar tal-hrug tat-tieni avviz, jekk is-sid ma jkunx deher biex jitlob il-haga, din il-haga jew, jekk ic-cirkostanzi jkunu ghamlu mehtieg il-bejgh taghha, il-prezz taghha, imissu lil min ikun sabha.
(4) Is-sid tal-haga jew min isibha, skond ma jkun il-kaz, meta jiehu lura l-haga jew il-prezz taghha, ghandu jhallas l-ispejjez li jkunu saru.
(5) Barra minn dan, is-sid li jiehu lura l-haga ghandu jhallas lil min ikun sabha rigal meqjus skond ic-cirkostanzi, u li ma jkunx izjed minn ghaxra wahda ta' kemm tkun tiswa l-haga misjuba.
(6) Jekk, malli jghaddu sitt xhur mill-ewwel avviz ippubblikat fil-Gazzetta taht is-subartikolu (2), la min isib il-haga u lanqas is-sid taghha ma jaghmel talba ghaliha jew ghall-prezz taghha, dik il-haga jew dak il-prezz, skond il-kaz, issir proprjeta` tal-Gvern.

Il-konvenut qed jissottometti li l-principji generali tal-ligi civili ma japplikawx ghall-kaz in kwistjoni ghaliex hemm ligi specifika li tirregolah. Hu jghid li japplikaw l-Att dwar il-Bank Centrali, il-Kap 233 u l-Ordinanza dwar id-Dwana, Kap 37 u l-Att Dwar id-Dazju ta' Importazzjoni, Kap 337. Dan a bazi tal-principju *lex specialis derogat generalis*.

Skond il-konvenut (ara fol 22) "*Any currency found has to be delivered to the Central Bank since it is illegal for*

*unauthorized persons to hold foreign currency*". Inoltre billi fejn instabu l-flus hu customs area, kull oggett li jinstab jaqa' f'idejn id-Dwana u jrid l-awtorizzazzjoni tad-Dwana biex jigi rilaxxjat.

**Tikkunsidra**

Illi skond il-**Kap.233.** dwar il-Kontroll fuq il-Kambju

(1) Kull persuna, li ma tkunx negozjant awtorizzat, li jkollha l-pussess ta' jew il-kontroll fuq xi deheb jew flus barranin f'Malta, u kull persuna residenti li jkollha l-pussess ta' jew il-kontroll fuq xi deheb jew flus barranin barra minn Malta, ghandha, bla hsara ghad-disposizzjonijiet ta' dan l-artikolu, toffri dak id-deheb jew dawk il-flus barranin, jew tara li jigu offerti, ghall-bejgh lil negozjant awtorizzat kemm-il darba l-Ministru ma jaghtix il-kunsens sabiex izzommhom u tuzahom jew jekk ma tiddisponix minnhom favur xi persuna ohra bil-permess tal-Ministru.

Illi fil-kaz in ezami l-attur kien sab dawn il-flus fuq l-ajruplan u mill-ewwel mar ghand il-Pulizija biex jikkonsenjahom skond kif titlob il-ligi biex jekk hadd ma jmur jitlob dawn il-flus, ikun jista' jitlobhom hu. Il-Pulizija m'accettawx dawn il-flus u minflok zammewhom tad-Dwana. Jigifieri li f'dak l-istadju l-attur ma kienx qed jippossjedi jew kellu kontroll fuq dawk il-flus qua sid, u lanqas ma kien qed jippretendi li dawn kienu tieghu, izda ghaddihom mill-ewwel lill-awtoritajiet. Ghalhekk l-attur, f'dak l-istadju ma setax u ma kellux ghalfejn jitlob permess fuq dawn il-flus barranin ghax ma kienux tieghu u ma kienx qed jippretendi li kienu tieghu. Dan pero` ma jfissirx li b'hekk hu kien qed jirrinunzja ghad-dritt li kienet taghti l-ligi civili li jekk eventwalment hadd ma jmur ghalihom, dawn isiru ta' min sabhom.

Inoltre l-attur mhux qed jitlob li jinghata d-dollari Amerikani li hu sab, izda qed jitlob l-ekwivalenti fi flus Maltin.

Kwantu ghall-argument l-iehor tal-konvenut li issa hu mhux f'posizzjoni li jirritorna l-flus ghax ghaddihom skond

il-ligi lic-Central Bank, dan l-argument ma jorbotx lill-attur, billi l-flus hu kien hallihom ma’ tad-Dwana u dawn iridu jirritornawhom jew l-ekwivalenti taghhom fi flus Maltin.

**DECIZJONI**

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tiddeciedi billi tilqa’ t-talbiet attrici, tiddikjara li l-konvenut huwa debitur ta’ l-attur John Fiteni fl-ammont ta’ hamest elef dollaru Amerikan (US$5000) jew l-ekwivalenti taghha f’liri Maltin;

Tikkundanna l-konvenut ihallas lill-attur l-ammont hekk likwidat, bl-imghaxijiet mill-20 ta’ Lulju 2000 sad-data ta’ l-effettiv pagament;

u bl-ispejjez kontra l-konvenut.”

**<u>L-APPELL TAL-KONVENUT</u>**

2.1. Il-konvenut Kontrollur tad-Dwana hassu aggravat b’din id-decizjoni ta’ l-ewwel Qorti u ghalhekk interpona appell minnha ghall-fini tar-revoka taghha, prevja c-cahda tat-talba attrici, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-attur appellat.

2.2. Is-succint, l-aggravji ta’ l-appellant huma s-segwenti:
i) huwa dubjuz kemm ic-citazzjoni hija valida ghaliex il-Qorti ta’ l-ewwel grad iddecidiet il-kawza a bazi ta’ l-Artikolu 564 tal-Kodici Civili ghaliex assumiet illi l-attur kien qed jibbaza t-talba tieghu fuq dan l-Artikolu meta l-attur imkien ma ddikjara fuq liema artikolu kien qed jaghmel it-talba tieghu;
ii) l-ewwel Qorti ddecidiet il-kawza fuq l-Artikolu msemmi minghajr ma nvestiet il-punti mqajma minnu fl-eccezzjonijiet u s-sottomissjonijiet tieghu dwar l-arja doganali li fiha nstabu l-flus;
iii) il-Qorti ghazlet li twarrab ghal kollox l-Avviz Legali tal-1994 u b’hekk ma nvestietx l-applikabbilita` o meno ta’ din il-ligi;
iv) il-Kontrollur jilmenta dwar l-ispejjez peress li jghid li l-ispejjez dovuti lill-attur ma ghandhomx jinkludu dawk ta’ l-ittri legali u li l-imghax ghandu jibda jiddekorri mid-data ta’

l-ittra gudizzjarja u dik imsemmija mill-attur fic-citazzjoni hija ittra legali.

**IR-RISPOSTA TA' L-ATTUR APPELLAT**

3.1. L-attur appellat wiegeb li s-sentenza kienet wahda gusta u timmerita konferma.

3.2. Minbarra s-suespost pero`, l-attur appellat jissottometti wkoll li:

(i) l-appell intavolat huwa null ghax ma jsegwix il-forma rikjesta mill-Artikolu 143 tal-Kap. 12;

(ii) li ghal dak li jirrigwarda l-fatti tal-kaz, l-appellant jikkontradixxi lilu nnifsu ghax filwaqt li jistqarr li jaqbel mal-fatti kif jemergu mill-provi, imbaghad ikun hu stess li jixhet dubju dwarhom;

(iii) li ma kien hemm ebda htiega *ad validitatem* ghal tismija ta' xi artikolu tal-ligi fl-att tac-citazzjoni, kif jippretendi l-appellat, fl-istadju ta' appell;

(iv) li l-eccezzjonijiet tal-kovenut kienu bbazati fuq il-Kap. 232 tal-Ligijiet ta' Malta – illum abbrogat, u li l-ewwel darba li l-appellant irrefera ghall-Avviz Legali 42 tal-1994 kien fin-nota ta' sottomissjonijiet a fol. 35 tal-process;

(v) li ma kienx minnu li l-Qorti warrbet il-ligijiet specjali in materja imma ghall-kuntrarju, wara analizi approfondita, iddecidiet favur l-applikazzjoni tal-ligi ordinarja – l-Artikolu 564 tal-Kap. 16 – ghal dan il-kaz;

(vi) li mhux legalment possibbli li din il-Qorti tilqa' l-appell tal-konvenut a bazi tal-Kap. 233 billi din il-ligi llum giet abbrogata "ghaliex jekk tkun hekk ifisser li d-decizjoni ta' din l-Onorabbli Qorti jkollha effett retroattiv meta dan mhux possibbli fil-kamp Civili" (sic!);

(vii) li l-attur qatt ma vvjola l-ligi doganali u ghalhekk ma setghux il-flus li sab jigu kkonfiskati;

(viii) li r-relazzjoni guridika ta' l-attur baqghet mal-Kontrollur tad-Dwana u mhux mal-Bank Centrali;

(ix) ma hemm xejn skorrett dwar dak li gie deciz dwar spejjez gudizzjarji u interessi.

**KONSIDERAZZJONIJIET TA' DIN IL-QORTI**

4. Din il-Qorti tibda billi tirrileva li, meta giet biex tezamina u tgharbel is-sottomissjonijiet tal-partijiet kontendenti, sabet li minflok ma l-partijiet ikkoncentraw fuq dak li hu

essenzjali, raw kif ghamlu biex jintilfu fuq hafna ragjonamenti li rrendew il-vertenza in ezami hafna izjed ikkomplikata inutilment. In partikolari, l-appellant ghazel it-triq li "jaddossa" kull nitfa ligi u punt ta' fatt ghall-konsiderazzjoni tal-Qorti mhux semplicement biex il-Qorti tirrizolvi din il-kwistjoni b'mod raggjonat u seren, imma bl-isperanza li jirnexxilu jottjeni r-revoka tas-sentenza appellati permezz ta' xi wiehed mill-aggravji tieghu. Bl-istess mod, il-parti appellata flok ma rrestringiet il-vertenza ghal dak li hu strettament necessarju, intilfet f'ghadd ta' eccezzjonijiet ta' indoli legali bil-konsegwenza li l-vertenza giet "imtaqqla" bla ma kien hemm htiega ghal dan.

5. Il-fatti tal-kaz, fis-semplicita` taghhom kienu kif ser jinghad:-

L-attur, fil-kors tax-xoghol tieghu bhala *loader* fuq ajruplan tal-kumpannija Air Malta, sab is-somma ta' hamest elef dollaru Amerikan (US$5000), liema ajruplan kien ghadu kemm wasal fl-ajruport internazzjonali ta' Malta minn Tripli, Libja. L-attur mar bil-flus li sab ghand il-Pulizija, li min-naha taghhom, irriferewh ghand l-ufficjali tad-Dwana fl-ajruport. Skond l-attur, (ara affidavit tieghu a fol. 18 - 19 tal-process) lanqas l-ufficjali tad-Dwana ma riedu jzommu dawn il-flus, anzi dawn irritjenew li suppost dawn kellhom jinzammu mill-pulizija. L-attur kompla hekk:

"Wara hafna kwistjonijiet bejn id-dwana u l-pulizija, fl-ahhar il-flus inzammu minn tad-Dwana u nghatajt ricevuta taghhom".

In segwitu giet skambjata korrispondenza bejn l-attur u l-awtoritajiet doganali bir-rizultat li l-attur gie mgharraf mill-Kontrollur tad-Dwana li hu ma kienx intitolat ghall-flus *de quo* u li dawn kienu gew mghoddija lill-Bank Centrali.

6. Minn ezami ta' l-atti tal-kawza jirrizulta b'mod evidenti li l-kontendenti ma jikkontestawx il-fatti *ut sic* kif hawn fuq riportati, anzi l-appellant stess jistqarr "illi jidher li kien hemm qbil fuq il-fatti tal-kaz" (ara r-rikors ta' l-appell). Ghalhekk din il-Qorti ssibha ferm sorpriza meta l-istess appellant, fl-istess rikors ta' appell, jaghzel li jixhet l-ombra ta' suspett ta' agir kriminuz da parti ta' l-attur billi jghid:-

"Ma ngabet l-ebda prova dwar fejn instabu l-flus u ghalhekk setghu kienu mohbija".

Minn barra dan, fl-istat  ta' indecizjoni li jidher li l-ufficjal tad-Dwana inkarigat mill-ajruport inqabad fih, messu allura accerta ruhu hu, anke tramite l-pulizija, fil-mument li rcieva l-flus minghand l-attur u mhux issa wara li hemm sentenza kontra l-Kontrollur tad-Dwana min-naha tal-Qorti ta' l-ewwel grad.

7. Dwar l-ewwel pregudizzjal ta' l-appellat fejn issolleva n-nullita` tar-rikors ta' appell, hija l-fehma tal-Qorti li dina l-eccezzjoni ta' l-appellat tirrazenta il-fieragh. Taqbel jew ma taqbilx mas-sottomissjonijiet ta' l-appellant, jidher wisq ovvju illi l-aggravju ewlieni ta' l-appellant huwa li, bl-applikazzjoni tal-ligijiet doganali, *qua* ligi specjali, l-ewwel Qorti messha cahdet it-talbiet attrici ghar-raguni li, skond dawn il-ligijiet, li jiehdu precedenza fuq il-ligi ordinarja, il-flus *de quo* kienu suggetti ghall-konfiska u l-attur, fi kwalsiasi kaz, qatt ma kien legalment intitolat li johodhom ghalih.

Ghalhekk dan is-suppost pregudizzjal qed jigi respint, b'dan li stante l-frivolita` tieghu tali cahda ghandha tkun eventwalment riflessa wkoll fil-kap ta' l-ispejjez.

8. Nigu ghalhekk ghall-ewwel "aggavju", jekk jimmerita tali kwalifika, li tqajjem mill-appellant. Skond il-konvenut darba li l-Artikolu 564 tal-Kap. 16 ma jissemma' imkien espressament fl-att tac-citazzjoni, allura "huwa dubjuz kemm ic-citazzjoni hija valida". Din il-Qorti ma taqbilx ma' dan l-argument fallaci. Meta l-ligi tal-procedura tesigi n-necessita` tat-tismija ta' l-artikolu tal-ligi, bhal per ezempju fil-kazijiet ta' l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni, il-ligi taghna tipprovdi. Fejn dan ir-rekwizit ma jissemmiex, tali htiega hija fakoltattiva. Ghalhekk, dana l-aggravju – sollevat ghall-ewwel darba mill-konvenut fl-istadju ta' l-appell – huwa infondat u qieghed jigi respint.

9. L-aggravji sussegwenti tal-konvenut, minbarra l-ahhar wiehed dwar l-ispejjez u l-imghaxijiet, huma wkoll relatati wiehed ma' l-iehor u, kwindi, din il-Qorti sejra

tikkonsidrahom f'daqqa. Il-konvenut jinsisti li l-ligijiet li kellhom jigu applikati ghal dan il-kaz ma kenux dawk li jemergu mil-ligi ordinarja (jigifieri l-Artikolu 564 tal-Kap. 16 li, skond hu addottat zbaljatament l-ewwel Qorti) imma dawk li jemergu minn sensiela ta' ligijiet ohra, ta' natura specjali, jigifieri:

(i) il-Kap. 233 dwar il-Kontroll fuq il-Kambju, (illum abbrogat u sostitwit bl-Att IX tal-2003);

(ii) il-Kap. 37 tad-Dwana u l-Avviz Legali tal-1994 li huma r-Regoli dwar l-Ajruporti, mahrug in forza ta' l-Ordinanza tad-Dwana;

(iii) il-Kap. 337 dwar id-Dazji ta' l-Importazzjoni.

10. B'mod aktar specifiku, imbaghad, tajjeb li jigi osservat li l-Art. 16 tal-Kap. 233 isemmi dawk ir-regolamenti tad-Dwana ghall-importazzjoni u l-esportazzjoni tal-flus barranin, filwaqt li l-Artikolu 5 jipprovdi dak li ghandha taghmel persuna li minghajr l-awtorizzazzjoni necessarja (jigifieri li ma tkunx negozjant awtorizzat) ikollha fil-pussess taghha jew ikollha l-kontroll ta' flus barranin. Minn dawn l-Artikoli jirrizulta li kull oggett importat f'Malta ghandu jghaddi taht l-Awtorita` tad-Dwana u jigi rilaxxjat biss meta jinghata l-permess min-naha taghha. M'ghandux ikun hemm dubju li l-Kap. 233 – li kien ghadu fis-sehh meta gara l-kaz in ezami – kien wiehed mil-ligijiet applikabbli. Dana qieghed jinghad ghax stranament – biex ma jintuzax terminu aktar propizju – il-legali ta' l-appellat irriteniet li darba li dan il-Kap. 233 in segwitu gie abbrogat, allura ma setax jigi invokat u applikat ghal dan il-kaz ghaliex fi kliemha "mhux legalment possibli li din l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell tilqa' l-appell ta' l-appellant a bazi ta' ligi abbrogata ghaliex jekk ikun hekk ifisser li d-decizjoni ta' din l-Onorabbli Qorti jkollha effett retroattiv meta dan mhux possibbli fil-kamp Civili". Din il-proposizzjoni hija zbaljata kompletament ghaliex sakemm ma jinghad xejn espressament mil-legislatur dwar l-effetti ta' ligi li in segwitu tigi abbrogata, isegwi li l-ligi li kellha tibqa' tirregola f'kazijiet antecedenti tibqa' proprju l-istess ligi li kienet dakinhar fis-sehh.

11. Issa l-Artikolu 60 tal-Kap. 37 jelenka dawk is-sitwazzjonijiet fejn ikun hemm il-konfiska ta' l-oggetti. L-

appellant jirreferi ghall-paragrafu (h) ta' dan l-Artikolu li jghid li ssir il-konfiska ta' oggetti "suggetti ghal dazju jew ghal-limitazzjoni dwar l-importazzjoni, jew li l-importazzjoni taghhom f'Malta hija pprojbita, sew qabel jew wara l-izbark, jinsabu jew jinkixfu li huma jew li gew mohbija, b'xi mod, abbord ta' bastiment, fil-limiti ta' Malta;"

L-Avviz Legali 42 tal-1994, mahrug taht l-awtorita` tal-Kap. 37 jipprovdi Regolamenti dwar il-Kontroll ezercitat mid-Dwana fl-ajruport. It-terminu "airport" u "customs airport" jikkomprendu "that area designated for the arrival and departure of aircraft, persons, goods and mail; including all buildings and sheds enclosed within the perimeter fence". Isegwi b'hekk li l-kontroll tad-Dwana huwa fuq dak kollu li jinsab 'il gewwa mill-"fence" li jdawwar l-ajruport, u dan jirrizulta wkoll minn qari ta' l-Artikolu 4 ta' l-istess Avviz.

Il-Kap. 337 imbaghad jirregola id-Dazji ta' Importazzjoni. Kemm il-Kap. 37 kif ukoll il-Kap. 337, fuq imsemmijin, jipprovdu procedura li ghandha tigi segwita biex oggett jigi importat legalment.

12. Minn qari ta' dawn id-diversi disposizzjonijiet ghandu jirizulta li flejjes bhal dawk in ezami – dollari Amerikani fl-ammont ta' hamest elef dollaru – kellhom jigu ddikjarati lill-awtoritajiet dogonali u li, minghajr il-permess tad-Dwana, ir-rilaxx taghhom ma huwiex legalment possibbli. L-Artikolu 60 tal-Kap. 37 surreferit isemmi dawk is-sitwazzjonijiet fejn issehh il-konfiska ta' l-oggett importat. F'dan ir-rigward, l-appellant jaghmel partikolarment riferiment ghas-subinciz (h) li jghid li ssir il-konfiska ta' dawk l-oggetti li huma "suggetti ghal dazju jew ghal-limitazzjoni dwar l-importazzjoni, jew li l-importazzjoni taghhom f'Malta hija ipprojbita, sew qabel jew wara l-izbark", liema oggett jew oggetti jkunu "jinsabu jew jinkixfu li huma jew li gewmohbija, b'xi mod, abbord ta' bastiment, fil-limiti ta' Malta". Fil-kaz in ezami, huwa pacifiku li, bhal fil-kaz ta' oggett li jinsab abbord ta' bastiment, l-istess ligijiet u regolamenti japplikaw _mutatis_ _mutandis_ ghall-ajruplani. L-appellat jikkontendi li ghalkemm huwa minnu li skond il-Kap. 37 u l-Kap. 337 hemm provdut li wara li l-

oggett jigi fil-pussess tad-Dwana dan jista' jigi rrilaxxjat biss bil-permess taghha, izda l-ligi ma tipprovdix li d-Dwana tista' tirrifjuta li taghti l-permess ghar-rilaxx minghajr ebda raguni valida fil-ligi.

13. L-appellant qieghed isostni li meta l-attur ghadda l-flus li sab abbord ajruplan ipparkeggjat f'"custom airport" – fatt mhux kontestat – lill-pulizija, tali fatt ma kienx u ma setax jitqies li jammonta ghad-dikjarazzjoni lill-awtoritajiet doganali kif hemm rikjest fil-ligi. Dak li donnu qieghed, konvenjentement ghalih, jinsa l-appellant hu li, flimkien mal-ligijiet specjali li hu jsemmi, hemm ukoll il-ligijiet ordinarji, hemm dawk civili kif ukoll kriminali, li jemergu mill-kodicijiet li lanqas ma jistghu jigu injorati. Huwa minnu li ligi specjali tipprevali fuq dik ordinarja, u huwa appuntu minhabba f'dawn il-ligijiet specjali li qamet din il-vertenza, imma fejn il-ligijiet specjali ma jkunux ikopru ezattament <u>kull</u> sitwazzjoni li tista' tinqala' jew meta hemm sitwazzjoni fejn il-ligi ordinarja ghandha s-siwi taghha wkoll, allura ghandu jkun ovvju li jkun hemm lok tat-thaddim taghhom f'daqqa, sakemm naturalment dan hu possibbli u necessarju.

14. Mill-ftit xhieda li giet prodotta, hemm qbil li, appena sab il-flus in kwistjoni, l-attur appellat mar – kif jghid li dejjem ghamel f'okkazjonijiet ohra simili – ghand ufficjal tal-pulizija, u dan proprju biex jiddenunzja tali sejba. Il-pulizija inkarigat m'accettax li jassumi tali responsabbilta` u rrifera lill-appellat lill-ufficjal tad-Dwana. L-ufficjal tad-Dwana (skond ma xehed l-attur mhux kontradett) deherlu li lanqas hu ma kellu jerfa' tali responsabbilta` (!) u ghalhekk rrifera mill-gdid lill-attur lejn l-ufficjal tal-Pulizija. Sa fl-ahhar, l-ufficjal tad-Dwana – korrettement fil-fehma ta' din il-Qorti – accetta li jzomm il-flus u jirrilaxxja ricevuta ta' dak li gie ddepozitat ghandu. F'cirkostanzi ta' incertezza lampanti bhal din da parti ta' l-awtoritajiet civili u doganali, hija l-fehma tal-Qorti, li huwa ferm ingust li l-appellant jargomenta li l-attur ma ottemperax ruhu mal-ligijiet doganali ghaliex m'ghamilx id-dikjarazzjoni rikjesta mil-ligi. Kif jemergu l-fatti, jekk kien hemm xi nuqqas <u>dan kien attribwibbli biss ghall-inkompetenza ta' min suppost kien responsabbli mid-Dwana mhux min-naha ta' l-</u>

appellat. Meta l-appellat, fil-kors tax-xoghol tieghu bhala "loader" sab il-flus *de quo*, huwa ma qishomx tieghu, anzi mar immedjatament ghand ufficjal tal-pulizija biex jiddenunzja l-fatt. Li kieku m'ghamilx hekk u zamm il-flus ghalih minghajr ma nforma lil hadd huwa kien ikun passibbli ghar-reat ta' serq. Darba li l-flus ma kenux tieghu, hu lanqas seta' pero` jmur bihom direttament ghand l-ufficjal tad-Dwana l-ghaliex li kieku ghamel hekk seta' jitqies li hu kien attwalment il-"possessur" taghhom – kif jippretendi li kien l-appellant f'dak il-mument – mentri fil-fatt, l-attur kien biss detentur temporanju tal-flus u xejn aktar minn hekk. Kif tajjeb gie ritenut fid-decizjoni fil-kawza fl-ismijiet **Luigi Galea v. Giuseppe Galea**, deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fis-16 ta' Dicembru 1955 (ara wkoll **Joseph Formosa et. v. Joseph Cauchi et**, Qorti ta' l-Appell, 28 ta' April 2006):-

"….. l-pussess skond l-interpretazzjoni kostanti moghtija mill-Qrati Taghna ifisser biss il-pussess skond id-definizzjoni moghtija mil-legislatur fl-artikolu 561 tal-Kodici Civili (illum 524), jigifieri d-detenzjoni tal-haga *animo domini* (sic)."

Ghalhekk ukoll lanqas ma jaghmel sens l-appellant meta fl-istess waqt li jippremetti li dwar il-fatti hemm qbil, imbaghad jipprova jitfa' l-ombra tas-suspett fuq il-provenjenza tal-flus.

15. Meta l-ewwel Qorti assumiet li l-attur kien agixxa ai termini ta' l-Artikolu 564 tal-Kap. 16 minkejja li l-istess attur ma indikax espressament l-artikolu tal-ligi, ma kien hemm xejn x'wiehed jiccensura. L-appellant messu jaf li kulhadd huwa tenut li jaf x'tghid il-ligi. Issa l-Artikolu 564 tal-Kap. 16 – in assenza ta' tismija specifika kif kellu jagixxi l-attur f'sitwazzjoni bhal tieghu fil-ligijiet specjali in materja – kien jidher l-aktar wiehed li jattalja ghall-kaz. Dana l-Artikolu jghid hekk:

"564(1) Min isib haga mobbli li ma tkunx tezor, ghandu jroddha lill-pussessur taghha ta' qabel, jekk ikun maghruf: inkella minghajr dewmien ghandu jaghtiha f'idejn il-Pulizija.

(2) Il-Kummissarju tal-Pulizija ghandu jippubblika b'avviz fil-Gazzetta lista tal-hwejjeg mobbli msemmija fis-subartikolu (1), u ghandu jerga' jippubblika dik il-lista, barra mill-hwejjeg li jkunu gew mitluba minn sidhom, wara tliet xhur mill-imsemmi avviz.

(3) Wara tliet xhur minn dak in-nhar tal-hrug tat-tieni avviz, jekk is-sid ma jkunx deher biex jitlob il-haga, din il-haga jew, jekk ic-cirkostanzi jkunu ghamlu mehtieg il-bejgh taghha, il-prezz taghha, imissu lil min ikun sabha.

(4) Is-sid tal-haga jew min isibha, skond ma jkun il-kaz, meta jiehu lura l-haga jew il-prezz taghha, ghandu jhallas l-ispejjez li jkunu saru.

(omissis)

(6) Jekk, malli jghaddu sitt xhur mill-ewwel avviz ippubblikat fil-Gazzetta taht is-subartikolu (2), la min isib il-haga u lanqas is-sid taghha ma jaghmel talba ghaliha jew ghall-prezz taghha, dik il-haga jew dak il-prezz, skond il-kaz, issir proprjeta` tal-Gvern".

Minn qari tas-suespost, ghandu jirrizulta bic-car kemm il-ligi ordinarja kienet idoneja ghas-sitwazzjoni in dizamina. Bil-fatt li l-konvenut appellant deherlu li ghandu jghaddi l-flus imhollija mieghu mill-attur lill-awtoritajiet tal-Bank Centrali, dan il-fatt ma jezimihx mir-responsabbilta` li jghaddi lura l-istess flus lil min ikunu jappartjenu <u>wara</u> li jkunu gew osservati dawk il-proceduri li johorgu mil-ligi; bhalma ma jezimix lill-Kummissarju tal-Pulizija milli, fuq semplici talba ta' John Fiteni, jibda u jtemm il-procedura traccjata fis-subartikoli ta' l-Artikolu 564 tal-Kap. 16.

16. L-aggravju li l-ewwel Qorti lanqas biss tat xi konsiderazzjoni tal-ligijiet specjali relativi lanqas jaqbel mal-fatti ghaliex minn qari tas-sentenza jidher kemm dan m'huwiex hekk. Hu minnu li l-accenn li sar mill-ewwel Qorti ghall-Kap. 233 u l-Kap. 37 huwa skarn hafna imma dan jghodd, *se mai*, ghall-bqija tas-sentenza li fil-verita`, ma tantx tabbonda f'hafna analisi. Pero` l-motivazzjoni

moghtija mill-ewwel Qorti hija wahda sufficjentement cara u skjetta fis-sens li:
“f’dak l-istadju (i.e. meta l-attur mar bil-flus ghand il-Pulizija) ma kienx qed jippossjedi jew kellu kontroll fuq dawk il-flus _qua_ sid, u lanqas ma kien qed jippretendi li dawn kienu tieghu, izda ghaddihom mill-ewwel lill-awtoritajiet. Ghalhekk l-attur, f’dak l-istadju ma setax u ma kellux ghalfejn jitlob permess fuq dawn il-flus barranin ghax ma kienux tieghu u ma kienx qed jippretendi li kienu tieghu. Dan pero` ma jfissirx li b’hekk hu kien qed jirrinunzja ghad-dritt li kienet taghti l-ligi civili li jekk eventwalment hadd ma jmur ghalihom, dawn isiru ta’ min sabhom”.

Fil-fehma ta’ din il-Qorti, l-ewwel Qorti waslet hawn ghall-interpretazzjoni gusta u applikat il-ligi in materja korrettement.

17. Trattandosi ta’ flus li ghadhom m’humiex proprjeta` ta’ l-attur, jigifieri l-persuna li sabithom, huwa evidenti li xorta wahda ghad jonqos “skoll” iehor ghall-attur biex ikun jista’ jiehu dawn il-flus hu, cioe` jonqos il-procedura li l-Kummissarju tal-Pulizija ghandu jinizja kif indikat fil-paragrafu 15, *supra*. Minbarra dan, fil-kaz li in segwitu tal-procedura li jkollha tittiehed mill-Pulizija, ir-rilaxx tal-flus ikun jista’ jsehh, l-attur jista’ biss ikun intitolat jiehu l-ekwivalenti taghhom fi flus Maltin – kif hemm *del resto* gia` kkontemplat fl-ewwel talba attrici. B’dan il-mod kemm l-attur kif ukoll il-konvenut ma jkunu qeghdin jivvjolaw l-ebda parti mil-ligi dwar il-Kontroll fuq il-Kambju (Kap.233).

18.1. L-ahhar aggravju jirreferi ghall-ispejjez legali u l-interessi mitluba mill-appellat. L-appellant jissottometti li l-ispejjez ta’ l-ittra legali m’ghandhomx jigu akkollati fuqu ghaliex hu m’ghandux ikun tenut li jhallas ghal dak il-konsult inkors mill-kontroparti. Fil-fehma ta’ din il-Qorti, dan hu ragunament zbaljat in kwantu jirreferi ghall-ispejjez ghall-ispedizzjoni ta’ ittra legali. Fil-maggjor parti tali ittra tkun tikkonsisti f’ittra interpellatorja intiza biex tqieghed lill-intimat a konoxxenza shiha tal-pretensjoni tal-mittent u b’hekk jigu evitati spejjez u proceduri ulterjuri inutilment. Il-ligi tpoggi wkoll lil kull pretendent fid-dmir li kemm jista’

jkun jimminimizza l-ispejjez u d-danni. Darba li l-intimat baqa' inadempjenti, l-attur mar pass oltre bl-ispedizzjoni ta' ittra ufficjali, imma b'daqstant ma jfissirx li ebda dritt m'hu dovut relattivament ghall-ittra legali. Din il-parti ta' l-aggravju ghalhekk hija wahda infondata u qeghdha tigi respinta.

18.2. Dwar l-interessi dovuti fuq il-kapital, l-appellant jissottometti li "hemm dubji serji dwar minn meta jibda jiddekorri l-imghax jekk ikun il-kaz, izda zgur dan ma jiddekorrix mid-data ta' l-ittra legali kif deciz". Fil-fehma ta' din il-Qorti, dana l-aggravju hu wiehed gustifikat. Hawn non si tratta ta' dejn kummercjali imma wiehed civili – ara wkoll l-Artikolu 1141(2) tal-Kap. 16. Fl-att tac-citazzjoni hemm tismija ta' ittra ufficjali in data tal-11 ta' Settembru 2000 pero` ma jidhirx li hemm kopja ufficjali taghha fl-atti. <u>F'kull kaz</u>, din il-Qorti hija tal-fehma li fic-cirkostanzi partikolari ta' dan il-kaz, l-interessi ghandhom jibdew jiddekorru proprjament mill-mument li tkun giet ezawrita l-procedura a tenur ta' l-Artikolu 564 tal-Kap. 16, u jkun irrizulta li hadd ma jkun ghamel reklam fuq il-flus *de quo*, u li dawn allura jkunu jistghu jigu rilaxxjati lill-attur minn dakinhar. Ghalhekk din il-parti ta' l-ahhar aggravju dwar l-interessi hija fondata u qeghda tigi milqugha.

Ghal dawn il-motivi:
Tiddeciedi billi tilqa' *in parte* l-appell tal-konvenut in kwantu dan jirreferi ghaz-zmien ta' meta jibdew jiddekorru l-imghaxijiet fuq l-ammont *de quo*, izda tichdu kwantu ghall-bqija ta' l-aggravji l-ohra kollha, u ghalhekk qeghda tirriforma s-sentenza appellata in kwantu din tirreferi ghall-hlas ta' l-imghaxijiet li ghandhom, *se` mai*, jibdew jiddekorru mid-data ta' meta jista' jsehh ir-rilaxx wara tmiem il-procedura skond l-Artikolu 564 imsemmi, u tikkonfermaha ghall-bqija, b'dan s'intendi li d-debitu ta' l-appellant u l-obbligu tieghu li jhallas lill-attur appellat jiskattaw biss meta tintemm l-imsemmija procedura.

Fic-cirkostanzi u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-kap ta' l-ispejjez relativament ghaz-zewg istanzi ghandu jigi sopportat kwantu ghal disgha minn kull decima parti ($^{9}/_{10}$)

mill-konvenut appellant u decima parti ($^{1}/_{10}$) mill-attur appellat.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------